# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 25 ta' Frar, 2021.**

**Numru 1**

**Rikors Maħluf Numru 416/2015/1 JRM**

***Banif Bank (Malta) p.l.c.* (C-41030)**

***v.***

**Pierre u Daphne konjuġi Debono**

1. Dan huwa appell tal-konvenuti konjuġi Debono minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-20 ta' Ottubru 2015 li qatgħet il-kawża bid-dispensa tas-smigħ taħt l-art. 167 *et seq.* tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u ordnat lill-konvenuti jħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' erbgħa u għoxrin elf, mitejn u sebgħa u tletin euro u wieħed u tletin ċenteżmu (€24,237.31), bilanċi minnhom dovuti lill-istess soċjetà attriċi, flimkien mal-imgħaxijiet legali b'seħħ mit-13 ta' Marzu 2015 sa meta jsir il-ħlas.

2. L-attriċi tgħid illi hija silfet flus lill-konvenuti bil-patt fost oħrajn illi l-konvenuti jitqiesu li ma jkunux ħarsu l-kondizzjonijiet tal-ftehim jekk isseħħ xi waħda jew aktar minn dwn l-eventwalitajiet:

»a. Default by the Borrower/s in the payment of any amount of principal, interest, fees, charges due for payment in the manner stipulated in the agreement regulating the Facility;

»b. The Borrower/s committing any other breach of or omitting to observe any other of the obligations and undertakings as expressed to be assumed by it in the agreement regulating the Facility;

»… … …

»n. Any other event which in the Bank's reasonable opinion gives grounds for belief that the Borrower/s may not perform all or any of the obligation/s under or otherwise comply with the terms of the agreement regulating the Facility.«

3. L-attriċi tgħid li l-konvenuti naqsu milli jagħmlu ħlasijiet lura tas-self fiż-żmien miftiehem u issa għandhom jagħtu sbatax-il elf, sitt mija u tmienja u tmenin euro u sittin ċenteżmu (€17,688.60), bilanċ li sat-12 ta' Marzu 2015 kien jinkludi mgħaxijiet ta' seba' mija u ħamsin euro u erbgħa u sittin ċenteżmu (€750.64). Tgħid ukoll illi, barra l-bilanċ fuq is-self, il-konvenuti għandhom jagħtu wkoll:

a. mitejn u disgħa u għoxrin euro u tlieta u tmenin ċenteżmu (€229.83) bilanċ dovut fuq *current account*, li sat-12 ta' Marzu 2015 kien jinkludi mgħaxijiet ta' disgħa u sittin ċenteżmu (€0.69);

b. ħamsa u għoxrin euro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€25.55) bilanċ dovut fuq *savings account*, li sat-12 ta' Marzu 2015 kien jinkludi mgħaxijiet ta' tmien ċenteżmi (€0.08); u

c. tmint elef, mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u tletin ċenteżmu (€8,293.33) dovuti fuq *credit card*, li sat-12 ta’ Marzu 2015 kien jinkludi mgħaxijiet ta’ tmintax-il euro u sitta u disgħin ċenteżmu (€18.96).

4. B’kollox għalhekk, tgħid l-attriċi, il-konvenuti għandhom jagħtu sitta u għoxrin elf, mitejn u sebgħa u tletin euro u wieħed u tletin ċenteżmu (€26,237.31).

5. Billi għalxejn sejħet lill-konvenuti biex iħallsu, l-attriċi fetħet din il-kawża u talbet illi l-qorti taqta’ l-kawża bid-dispensa tas-smigħ u tikkundanna lill-konvenuti jħallsuha sitta u għoxrin elf, mitejn u sebgħa u tletin euro u wieħed u tletin ċenteżmu (€26,237.31), flimkien mal-imgħaxijiet, drittijiet u ispejjeż.

6. B’nota tat-13 ta’ Ottubru 2015, billi wara li nfetħet il-kawża sar ħlas akkont, l-attriċi naqqset it-talba għal erbgħa u għoxrin elf, mitejn u sebgħa u tletin euro u wieħed u tletin ċenteżmu (€24,237.31), barra l-imgħaxijiet, drittijiet u spejjeż.

7. Il-konvenuti b’nota tas-7 ta’ Ottubru 2015 talbu li jitħallew jikkon-testaw il-kawża għal dawn ir-raġunijiet:

> »illi fl-ewwel lok għadda ż-żmien stipulat f’artikolu 169 tal-Kap XII tal-Liġijiet ta’ Malta, u għalhekk il-proċeduri ma għandhomx jibqgħu sommarji;
>
> »illi fit-tieni lok, l-esponenti qatt ma ġew interpellati permezz ta’ ittra uffiċjali qabel ma ġew inizjati l-proċeduri fl-ismijiet premessi quddiem din l-onorabbli qorti;
>
> »illi il-bank intimat [*recte*, attur] kien jaf għalfejn kien hemm perjodu fejn l-esponenti waqfu milli jħallsu l-pagamenti mensili tagħhom peress illi l-esponenti Pierre Debono kien informa personalment lil diversi impjegati u *managers* tal-bank intimat ġewwa l-*head office* dwar is-

sitwazzjoni finanzjarja, u l-bank kien fehem is-sitwazzjoni u kien aċċetta illi jistenna;

»illi fil-fatt l-esponenti reġgħu bdew iħallsu l-pagamenti mensili fuq id-debitu minnhom dovut lill-bank [attur];

»Illi jirriżulta in vista tas-su ċitat anke *prima facie* illi l-esponenti għandhom eċċezzjonijiet xi jressqu;

»Illi għalhekk l-esponenti umilment jitolbu illi din l-onorabbli qorti jogħġobha tagħtihom permess sabiex iressqu l-eċċezzjonijiet tagħhom *ai termini* tal-artikolu 170(2) tal-Kap XII tal-Liġijiet ta' Malta;«

8. Fl-20 ta' Ottubru 2015 l-ewwel qorti, wara li ċaħdet it-talba tal-konvenuti biex jitħallew jikkontestaw il-kawża billi dehrilha illi "ma tawx lill-qorti raġuni tajba biex jitħallew jikkontestaw it-talba", tat is-sentenza appellata li biha iddeċidiet hekk:

»1) tilqa' l-ewwel talba tas-soċjetà attriċi u taqta' l-kawża mingħajr is-smigħ;

»2) tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lill-imħarrkin biex iħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' erbgħa u għoxrin elf mitejn u sebgħa u tletin euro u wieħed u tletin ċenteżmi (€24,237.31) bilanċi minnhom dovuti lill-bank attur kif fuq ingħad flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mit-13 ta' Marzu 2015 sal-jum tal-ħlas effettiv;

»3) tikkundanna lill-imħarrkin iħallsu wkoll l-ispejjeż tal-kawża.«

9. Il-konvenuti appellaw b'rikors tat-3 ta' Novembru 2015 li għalih is-soċjetà attriċi wieġbet fil-25 ta' Novembru 2015. Ifissru l-appell tagħhom hekk:

»Illi l-aggravji … jikkonsistu fis-segwenti:

»i. illi l-ewwel qorti għamlet apprezzament ħażin tal-fatti li rriżultaw fil-mori tal-proċeduri, filwaqt illi

»ii. irrikorriet għall-prinċipji żbaljati fil-ġudikat tagħha … … …

»Illi l-appellanti ġew notifikati permezz tal-proċedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni nhar il-21 ta' Lulju 2015;

»Illi l-kawża kienet differita għas-smigħ ta' nhar is-7 t'Ottubru 2015, fejn dakinhar l-appellanti ppreżentaw in-nota tagħhom *seduta stante*, u, wara li semgħet lir-rappreżentanti legali tal-partijiet, il-qorti iddiferiet is-smigħ tal-kawża għal nhar l-20 t'Ottubru 2015, meta ngħatat is-sentenza għall-kawża fl-ismijiet premessi;

»Illi b'kull dovut rispett, iż-żmien stipulat f'artikolu 169 tal-Kap XII tal-Liġijiet ta' Malta laħaq skorra, u għalhekk, il-proċeduri ma setgħux jibqgħu sommarji;

»Illi qabel id-data meta ġew notifikati bil-proċedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni, l-esponenti appellanti ma kinux konsapevoli tal-proċeduri fil-konfront tagħhom, però l-appellanti Pierre Debono kien tkellem ma' diversi persuni / *managers* ġewwa l-*head office* tal-bank appellat fejn spjegalhom ir-raġuni għalfejn kien għamel perjodu fejn ma kienx qiegħed iħallas il-pagamenti mensili;

»Illi fil-mori tal-proċeduri l-esponenti appellanti laħqu ħallsu l-ammont ta' elfejn euro, u fil-fatt il-bank appellat irriduċa l-kreditu pretiż minnu bl-imsemmija somma wara s-seduta tas-7 t'Ottubru 2015 għal €24,237.31;

»Illi hemm diskrepanza bejn id-*data base* tal-*Lecam* u t-timbri tal-marixxall għal dak li jirrigwarda n-notifika tal-ittra uffiċjali tat-3 ta' Jannar 2015, fis-sens illi filwaqt illi d-*data base* tal-*Lecam* tgħid illi Pierre Debono ma ġiex notifikat, it-timbru tal-marixxall jgħid illi Pierre Debono ġie notifikat permezz tal-proċedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni;

»Illi għalhekk, u anke *ai termini* tan-nota ppreżentata mill-appellanti nhar is-7 t'Ottubru 2015, l-appellanti kellhom jingħataw permess sabiex iressqu l-eċċezzjonijiet tagħhom *ai termini* tal-artikolu 170(2) tal-Kap XII tal-Liġijiet ta' Malta.«

10. L-aggravji tal-appell huma, fil-fehma tal-qorti, għalkollox fiergħa.

11. Dwar jekk il-konvenuti kinux notifikati jew le bl-ittra ġudizzjarja li, qabel infetħet il-kawża, sejħitilhom biex iħallsu, il-qorti tosserva li dan il-fatt kien ikollu relevanza għal-ispejjeż li kieku l-atturi, hekk kif ġew notifikati bil-kawża, ħallsu l-bilanċ kollu mill-ewwel. Ladarba ma ħallsux dak mitlub meta ġew notifikati bl-atti tal-kawża wisq anqas ma kienu sejrin iħallsu hekk kif jiġu notifikati bl-ittra ġudizzjarja.

12. Barra minn hekk, mill-atti jidher ċar illi l-ittra ġudizzjarja tat-3 ta' Jannar 2014 ġiet notifikata lill-konvenuti bil-proċedura tal-affissjoni u bil-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gazzetta ta' kuljum. Prova ta' dan huma r-referta[1] tal-uffiċjal esekuttiv tal-qorti u l-kopji

[1] *Fol.* 63.

tal-gazzetti[2]. Jekk tassew hemm xi diskrepanza fil-*database* tal-*Lecam* din ma tegħlibx dak li jirriżulta mill-atti.

13. Dwar li, meta nstemgħet il-kawża, kien għadda ż-żmien li trid il-liġi biex il-konvenut jiġi mħarrek biex jidher, għalkemm huwa minnu illi l-art. 169 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jrid illi fil-proċedura sommarja speċjali l-konvenut "għandu jiġi mħarrek biex jidher mhux aktar kmieni minn ħmistax-il jum u mhux aktar tard minn tletin jum min-notifika", dan l-istess artikolu jgħid wkoll illi "fin-nuqqas ta' osservanza tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu l-qorti ma għandhiex tieqaf timxi bi proċediment sommarju speċjali iżda għandha tagħti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa biex id-drittijiet tal-partijiet ma jiġux preġudikati".

14. L-ewwel terminu – ta' mhux aktar kmieni minn ħmistax-il jum – huwa fl-interess tal-imħarrek, biex ikollu għall-inqas dak iż-żmien biex iħejji d-difiża tiegħu jekk ikollu; it-tieni terminu – ta' mhux aktar tard minn tletin jum – huwa fl-interess tal-attur, biex ma jkollux jistenna aktar minn hekk biex jikseb sentenza jekk il-konvenut tassew ma jkollux eċċezzjonijiet xi jressaq. L-ewwel terminu – dak fl-interess tal-konvenuti – tħares u kien biss it-terminu fl-interess tal-attur li ma tħarisx. Ikun assurd jekk issa l-attur ikompli jiġi penalizzat billi jitlef ukoll il-benefiċċju tal-proċedura sommarja speċjali, ladarba jekk kien hemm preġudizzju dan batieh l-attur u mhux il-konvenuti. Il-konvenuti ma ġarrbu ebda preġudizzju u l-ewwel qorti rat li lanqas l-attur ma

---

[2] *Foll.* 67 *et seq*. u *fol* 73.

jġarrab preġudizzju li kien iġarrab li kieku ma titkompliex, mingħajr raġuni tajba, il-proċedura sommarja.

15. Il-fatt illi l-konvenuti għamlu ħlas akkont wara li nfetħet il-kawża ma jibdel xejn, ħlief illi jitnaqqas il-bilanċ li jiġi kanonizzat bis-sentenza, kif fil-fatt ġara. Kif ġà ingħad[3], kien ikun relevanti għall-għanijiet tal-ispejjeż li kieku l-konvenuti ma kinux imsejħa qabel infetħet il-kawża biex iħallsu, u ħallsu dak kollu mitlub hekk kif ġew notifikati bir-rikors maħluf. Iżda l-fatt li għamlu biss ħlas akkont ma jibdel xejn għax huwa l-ftehim bejn il-partijiet u mhux xi ħlas li jagħżlu li jagħmlu l-konvenuti li jiddetta t-termini u modalitajiet tal-ħlas.

16. Għal dawn ir-raġunijiet, u wkoll għax il-konvenuti baqħgu ma wrewx imqar *prima facie* li għandhom eċċezzjonijiet tajba x'iressqu, din il-qorti taqbel mal-ewwel qorti illi l-kawża kellha tinqata' bid-dispensa tas-smigħ u li jintlaqgħu t-talbiet tal-attur, kif imnaqqsa wara l-ħlas akkont mill-konvenuti. Għalhekk tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

17. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, iħallsuhom il-konvenuti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr

3 Para. 11, *supra.*